# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1708

Kaz Nru.1828/AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Carmel Tonna
u
Sultana Brothers Limited

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

Illum il-Hamis 6 ta' Lulju 2006

**Chairman : is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dijkarazzjoni fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Carmel Tonna mill-Avv Norma Vella fejn qed jghid illi l-impieg tieghu gie tterminat minghajr ebda raguni valida fil-ligi u hija wahda ingusta ai termini ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impieg u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Is-Sur Carmel Tonna li kien assistit mill-Avukata Norma Vella aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant. Ghas-socjeta appellata aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta dehret Ms Maria Victoria Sultana assistita mill-Avv. Reuben Farrugia.

It-Tribunal zamm hdax il-seduta.

**Stqarrija tal-Kaz**

L-appellant kien impjegat mal-kumpanija Sultana Brothers Ltd. bhala xufier tal-*coaches* ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs, oltre li kien ghamel perjodu addizzjonali ta' erba' snin precedentement ma' l-istess kumpanija. Illi l-appellant qatt ma kellu problemi la ma' l-imghallma tieghu is-Sinjura Marvic Sultana, la ma kollegi xufiera u lanqas mal-klijenti turisti. Illi mhux darba jew tnejn kien jircievi telefonati minn Marvic Sultana fl-ahhar minuta fejn kienet tinfurmah illi kien waqaf xi trakk jew kienet tkun insiet taghti xi xoghol hi lix-xufiera jew ma kienx hemm haddiema u hu dejjem ghamel mezz li jaqdiha. Fil-fatt dejjem hadem *overtime* meta Marvic Sultana kellha bzonnu. Kien jircievi telefonati anka fis-sieghat bikrin ta' filghodu waqt li kien rieqed, biex imur jahdem u hu dejjem obda l-istruzzjonijiet. Gieli kien ikun barra mal-familja tieghu u kien jitlaqhom meta jircievi dawn it-telefonati.

Illi l-inkwiet bejn l-appellant u s-socjeta intimata beda meta gurnata minnhom hu kien irrifjuta li jahdem *overtime* ghas-semplici raguni lli kien ilu erbatax il-siegha dik il-gurnata xoghol bhala xufier mal-kumpanija. Il-gurnata kienet nhar ta' Gimgha meta l-appellant beda jahdem fl-erbgha ta' fil-ghodu u wasal id-dar fil-hamsa u nofs ta' fil-ghaxija. L-appellant kien jahdem ghal tmien sieghat imbaghad meta l-imghallma kellha bzonn kienet iccempillu u tavzah li kellu jerga' jidhol x-xoghol; dan ta' l-ahhar kien *overtime*.

Illi dakinhar ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar l-appellant kien il-Mosta bil-coach bit-turisti u ircieva telefonata minn Marvic Sultana u qaltlu li riditu jerga' jidhol xoghol dakinhar stess mis-seba' ta' filghaxija sas-sebgha ta' filghodu. Hi kienet taf li dakinhar l-appellant kien beda jahdem fl-erbgha ta' filghodu peress li hi kienet inkarigata tqassam ix-xoghol tax-xufiera.

Illi l-appellant dakinhar qalilha li ma kienx jiflah jahdem ghal-tnax il-siegha ohra konsekuttivi peress illi dakinhar kien xoghol mill-erbgha ta' filghodu sal-hamsa u

nofs ta' fil-ghaxija. L-appellant biex jipprova jaqdiha avolja kien ghajjien mejjet, qalilha li l-aktar sieghat li felah jahdem dakinhar kien ghal erbgha jew l-aktar hames sieghat u mhux tnax il-siegha kif riedet hi. Marvic Sultana wigbitu illi kienet ser iccempillu iktar tard. Fil-fatt l-appellant ircieva telefonata minghandha fil-hamsa ta' filghaxija, waqt li kien ghadu xoghol u qaltlu li kellu jahdem it-tnax il-siegha bil-fors u mhux hames sieghat. L-appellant rega qalilha li ma kienx jiflah jahdem dawk is-sieghat kollha u kien dak il-hin li avzatu li kien bin-notice minn dakinhar (il-Gimgha).

Illi s-Sibt u l-Hadd Marvic Sultana ma taghtux xoghol u t-Tnejn hadem mis-seba' ta' filghodu sal-hamsa ta' filghaxija. Meta kien id-dar cemplitlu Marvic Sultana biex taghtih ix-xoghol li kellu jaghmel l-ghada jigifieri it-Tlieta. X'hin bdiet tghidlu fejn u l-hinijiet tal-ghada hu bil-kalma kollha qalilha li ma ridx ikompli jaghmel ukoll ix-xoghol ta' Courier. Dan ma kienx ix-xoghol tieghu izda kien jaghmlu biex jghin lil Marvic Sultana.

Illi hu qallha li suppost kellha tqabbad courier ghal dan ix-xoghol, peress illi kienet tibghat couriers ma' xufiera ohra, ghax dan ma kienx xogholu. Fil-fatt darba minnhom waqt li nizel mill-coach biex imur fil-Lukanda u jaghmel ukoll ix-xoghol ta' courier, kienet waqfitu persuna ta' l-Awtorita tat-Trasport u canfritu talli halla l-coach wahedha u din l-istess persuna x'hin l-appellant qallu illi kien qed imur fil-Hotel biex jaghmel dan ix-xoghol, qaltlu li dan mhux suppost kien qed jaghmlu hu u kien kontra l-ligi li jhalli l-vettura biex imur jigbor in-nies.

Illi x'hin l-appellant qal lil Marvic Sultana biex iggib courier, din bdiet tghajjat ma' l-appellant u ordnatlu jiehu lura l-coach fil-Garage tal-Kumpanija.

Illi t-telefonata kienet ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija u hi riditu jiehdu lura l-coach dak il-hin stess. L-appellant qalilha li dak il-hin hu ma setghax jiehu l-coach lura u offrielha li johodha l-ghada filghodu. Is-Sinjorina Sultana ppreferiet tibghatlu lil xi hadd biex jiehu l-coach dak il-hin stess u hu qalilha li setghet

taghmel dan. Ftit hin wara, icempel il-bieb ta' barra tad-dar ta' l-appellant u sab zewg Pulizija li qalulu biex imur maghhom l-ghassa tar-Rabat. Meta mar l-ghassa skopra li Marvic Sultana akkuzatu li ma riedx jaghtiha l-coach lura. L-appellant qalilhom li dan ma kien minnu assolutament xejn. Marvic Sultana qaltlu biex ihalli c-cwievet tal-coach go fiha stess u hu hekk ghamel.

Illi ftit wara l-appellant mar l-ufficcju tas-socjeta intimata sab is-sinjorina kienet qed timla l-formula tat-terminu ta' l-impieg ta' l-appellant. Kitbet illi t-tkeccija saret ghax l-appellant kien irrifjuta li jahdem. L-appellant ma qabilx ma dak li kitbet.

Illi Marvic Sultana cemplitlu u qaltlu biex jerga' jmur l-ufficcju biex jirrangaw l-affarijiet tal-formula. L-appellant qalilha li kellha tikteb il-verita u cioe li tterminatlu l-impieg ghax ma felahx jaghmel l-overtime li talbitu hi, izda hi kitbet li huma ma qablux bejniethom fuq ix-xoghol.

Is-socjeta intimata fl-Istqarrija tal-Kaz tghid illi primarjament ghandhu jigi rilevat illi d-dikjarazzjoni ta' Carmel Tonna prezentata fl-14 ta' Novembru 2003 ma jissodisfax ir-rekwiziti stabbilit mill-Artiklu 75(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-att li permezz tieghu gew intavolati il-proceduri odjerni huwa null.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghandu jigi rilevat illi fid-dikjarazzjoni prezentata minn Carmel Tonna fl-14 ta' Novembru 2003 ma tirrizulta ebda talba salv li l-kaz tieghu jinstema minn dana it-Tribunal skond il-Ligi, u ghaldaqstant ma hemm xejn li dwaru ghandhu jiddeciedi u jew jiddikjara dana it-Tribunal salv li jisma l-kaz ta' Carmel Tonna.

Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju, ghandu jinghad illi il-proceduri intavolati minn Carmel Tonna huma frivoli u vessatorji u dana stante illi l-istess Carmel Tonna ma ghandu jiehu xejn minghand is-socjeta esponenti u dana

stante illi huwa ircieva dak kollu li kellhu jiehu ghas-saldu u dana kif huwa stess jiddikjara fid-dokument anness.

Illi inoltre l-istess Carmel Tonna, fl-istess dokument anness, iddikjara illi huwa ma ghandu ebda dritt u jew pretensjoni kontra is-socjeta esponenti izda nonostante tali dikjarazzjoni huwa intavola l-proceduri odjerni semplicement sabiex jivvessa lis-socjeta esponenti.

Illi stabbilit dan hija l-umili opinjoni tas-socjeta esponenti illi dina l-kwistjoni ghandha tieqaf hawn u t-talba ta' Carmel Tonna tigi michuda.

Illi meta wiehed jezamina d-dokumenti tat-terminazzjoni ta' l-impieg datata 13 ta' Ottubru 2003 u mibghuta lill-ETC jirrizulta immedjatament illi fil-kaz odjern it-terminazzjoni ta' l-impieg ma kienx wiehed ta' tkeccija, kif jallega Carmel Tonna, izda kien terminazzjoni ta' impieg bi qbil bejn il-partijiet u dana stante illi kien jezisti dizgwid bejn is-socjeta esponenti u Carmel Tonna u ghaldaqstant ghazlu li l-impieg jigi tterminat fl-interess ta' kulhadd.

Illi kull meta kellu xoghol ta' transfers mill-airport kien dejjem johloq u jaqla problemi kif ukoll jirrifjuta kemm il-darba li jaghmel xi transfers assenjati lilu peress illi ma riedtx isuq sa fejn kellu jwassal il-passeggiri assenjati lilu.

Illi fix-xahar ta' Settembru 2003 Carmel Tonna ha gimghatejn leave.

Illi peress illi x-xoghol tas-socjeta esponenti baqa kostanti, shabu fuq x-xoghol qasmu bejniethom ix-xoghol li kien assenjat lil Carmel Tonna u b'hekk huwa seta ikompli bil-leave tieghu (ghandu jigi rilevat illi x-xahar ta' Settembru huwa parti mill-'peak season' ghax-xoghol tas-socjeta esponenti).

Illi meta rega lura ghax-xoghol li kien nieqes ghall-tlett gimghat, id-diretturi hadmu r-roster sabiex jagevolaw lil Carmel Tonna sabiex ikun jista jattendi ghal

kwistjonijiet familjari tieghu u b’hekk, fuq talba ta’ l-istess Tonna gie assenjat l-anqas xoghol possibbli,

Illi meta Carmel Tonna inghata ir-roster, huwa ma kienx kuntent bl-ammont ta’ xoghol li gie assenjat lilu u irrifjuta li jahdem.

Illi f’dan il-weekend partikolari Carmel Tonna ma hadimx ix-xoghol assenjat lilu,
Illi it-Tnejn ta’ wara dana l-weekend Carmel Tonna irraporta ghax-xoghol u s-socjeta esponenti sabiex tipprova tissorvola n-nuqqasijiet ta’ Carmel Tonna u tkompli thaddmu regghet assenjatlu ix-xoghol;

Illi nonostante ir-rieda tajba da parti tas-socjeta esponenti huwa rega rrifjuta kategorikament illi jaghmel certu xoghol assenjat lilu;

Illi s-socjeta esponenti regghet uriet rieda tajba u sabiex tagevola lil Carmel Tonna assenjat ix-xoghol tat-Tnejn li irrifjuta jaghmel Tonna lil drivers ohra u assenjatlu x-xoghol li kellu jaghmel l-ghada u cioe it-Tlieta;

Illi Carmel Tonna rega’ irrifjuta li jaghmel ix-xoghol lilu assenjat ghat-Tlieta;

Illi f’dak il-hin, wara li rega’ irrifjuta, ghat tielet darba f’hamest ijiem, illi jwettaq dmiru gie mistoqsi mid-direttur illi jirritorna l-coach fil-garage jew jirritorna c-cwievet ta’ l-istess coach u b’hekk ix-xoghol assenjat lil dak il-coach jinhadem minn drivers ohra.

Illi Carmel Tonna fost theddid u kliem oxxen, irrifjuta  jirritorna kemm il-coach kif ukoll ic-cwievet ta’ l-istess lis-socjeta esponenti.

Illi huwa mar id-dar bil-coach propjeta tas-socjeta esponenti u baqa jirrifjuta li jirritorna l-pussess tieghu.

illi in vista ta' dan kellu jsir rapport fl-Ghassa tal-Pulizija r-Rabat, Malta u wara l-intervent tal-membri tal-Korp tal-Pulizija Carmel Tonna ghadda ic-cwievet tal-coach in kwistjoni lis-socjeta esponenti u wiehed mid-drivers mar sabiex jirtira l-istess coach mid-dar ta' Carmel Tonna.

Illi xi granet wara dan l-incident is-socjeta esponenti regghet uriet ir-rieda tajba taghha u offriet li tinsa dawn l-incidenti u offriet lil Carmel Tonna sabiex ikompli fl-impieg tieghu.

Illi din l-offerta Carmel Tonna irrifjutha u ghazel li ma jirritornax aktar ghax-xoghol.

Illi peress illi kienet inholqot sitwazzjoni fejn il-partijiet koncernati ma setghux ikomplu jikkoperaw flimkien il-partijiet qablu li jintemm l-impieg ta' Carmet Tonna.

Illi fil-fatt hekk sar u bi qbil bejn il-partijiet, kif fuq espost, l-impieg ta' Carmel Tonna gie tterminat;

Illi ftit granet wara Carmel Tonna kien gie impjegat bhala xufier ma' kumpanija ohra.

**Xhieda**

Xhud is-Sur Carmel Tonna, l-appellant, mitlub mill-legali tas-socjeta jekk kienx qara d-dokument pprezentat fil-process qabel ma ffirmah, qal li ma kienx qrah id-dokument li jghid, "*I, Carnel Tonna, holder of I.D. No. 69072M hereby irrevocable declare that I have received the sum of Lm455.60 (four hundred and fifty five Maltese Liri and 60 cents) in full and final settlement of all the monies due to me by Sultana Brothers Transport Limited and furthermore declare that I have no claims and pretensions of whatever nature against said company*" Qal illi ghalkemm jaf jaqra dakinhar li iffirmah ma kienx qrah ghaliex il-kaz kien fil-hamsa

u kwart ta' filghaxija x'hin mar biex jiehu l-flus li kienu dovuti lilu, paga u notice, inghata c-cekkijiet ra s-somma biss ta' Lm455.60 u iffirmalha.

Fl-10 ta' Ottubru 2003 li kien il-Gimgha il-kumpanija assenjatlu xoghol li jibda mill-4.00 ta' filghodu. Illi fl-4.30 ta' filghodu ikun fl-airport, dak il-hin kien b'overtime. Il-Gimgha ta' wara qal illi ma rrifjutax li jaghmel overtime tant illi kien qed jahdem xoghol normali. Gara illi wara li kien ilu mill-4.00 ta' filghodu cemplitlu Marvic Sultana waqt li kien il-Mosta ghal xi 3.30 ta' wara nofsinhar biex tinfurmah fejn qaltlu, "*issa ghandek miss-7.00 ta' filghaxija sas-7.00 ta' filghodu shuttle service fuq il-frejgata"* qallha, "*miss-7.00 ta' filghaxija sas-7.00 ta' filghodu jien ili barra mill-4.00 ta' filghodu, kif jista' jkun?"* Qallha, "*kull ma se nistrieh saghtejn u nibqa sejjer sa filghodu nerga? Kif jista jkun? Miniex ser naghmel dawn is-sieghat kollha."*

Ix-xhud sostna illi hu ma rrifjutax li jaghmel dak il-hin kollu tant illi offrielha li jaghmel dan fil-prezenza ta' Joe Tonna u xufiera ohra li kienu l-Mosta bejn l-iktar 4 sieghat sa 5 sieghat overtime. Fil-5.00 ta' filghaxija x'hin halla t-turisti li kellu fil-coach ircieva telefonata minghand Marvic Sultana u qaltlu, "*ma tistax taghmel erba' sieghat jew hamsa almenu ghamel mis-7.00 sat-3.00 ta' filghodu minflok sas-7.00 ta' filghodu"* rega qallha, "*li l-iktar li ha naghmillha minn erba' sa hames sieghat."*

Is-Sibt u l-Hadd ma hadimx. It-Tnejn 13 ta' Ottubru 2003 hadem normali peress li kien ircieva messagg il-Hadd, ghamel ix-xoghol normali. Waqt li kien id-dar f'xi l-hamsa u qwart ta' wara nofsinhar ircieva telefonata ghax-xoghol tal-ghada t-Tlieta. Qallha, "*hu hsieb ibghatli courier mieghi biex jigbru l-klijenti ghax jien minix ser noqghod nerfa r-responsabilita li nigbor il-klijenti wahdi ghax jien mieghek qieghed xufier".* Qaltlu, "*orrajt ma jimpurtax"* Wara xi ghaxar minuti cemplitlu u bdiet tghajru u qaltlu, "*issa nizzilli t-truck il-garage,int m'intix ragel".*
Ix-xhud qal li qalilha, "*imbilli qed tghajjarni, jekk trid it-truck ejja u hudu, jien issa sejjer il-ground"* ghax kien hemm il-loghba ta' Birkirkara".

Waqt li kien id-dar jilbes biex imur il-ground habbat il-bieb sab li kienu marru l-pulizija u talbuh biex imur l-ghassa. L-ghassa kien hemm Ms. Marvic Sultana u qallha quddiem is-surgenta illi jekk trid il-coach tista' tmur tiehdu, huwa jiehu l-affarijiet personali tieghu u jhallielha c-cavetta fil-coach. Fil-fatt hekk ghamel u wara mar il-ground. Meta rritorna lura mill-ground sab li l-coach ma kienx hemm. Id-difensur legali tas-socjeta appellata staqsa lix-xhud jekk kienx prezenti biex jara l-oggett li huwa l-coach li jiswa Lm80,000 illi kien fil-kustodja tieghu jitlaq. Ix-xhud qal li ma kienx prezenti. Fl-ahhar qal illi f'Jannar 2004 beda jahdem mal-Maghtab Construction u bejn it-13 ta' Ottubru 2003 sa Jannar 2004 kien jirregistra, wara mar jahdem l-Irlanda bhala *coach driver*.

Xhud is-Sinjorina Maria Victoria Sultana, Direttur tal-kumpanija Sultana Brothers Transport Limited, qalet illi l-appellant kien impjegat maghhom darbtejn l-ewwel darba bhala Mini Bus Driver kien jiehu n-nies mill-airport u kien jaghmel anke Guided Tours san-1996 wara beda jahdem fuq il-coaches dan kien fit-2000, it-tieni darba. Ix-xhud qalet illi kull ma kien jigri kienu jghidulha izda lilha qatt ma qallha l-appellant b'dak li qallulu ta' l-Awtorita.

Qalet ukoll illi l-appellant kien bil-leave u gara lli hadu lill-omm il-mara l-isptar u f'dak il-perjodu kien wegga Tony Vella. Kienet cemplitlu u qaltlu li ma jistax ikun li thallieh aktar barra. L-appellant kien talabha biex almenu ma taghtiehx overtime. Kien il-Gimgha 10 ta' Ottubru dakinhar ta' l-incident billi gurnata qabel kien qalliha li se jibda jahdem overtime. Kienet tghatu xoghol full day, xoghol li ma kienux igergru.

Dakinhar ghamlet zball meta ghal xi nofs in-nhar cemplitlu u qaltlu, "Charles ghamilli pjacir mur ghamel it-tfal ta' Kordin" qalet illi t-tfal ta' Kordin qisa' daghwa b'Alla fil-Knisja meta tkun bil-full day, beda jidghi u sabbtllha t-telephone u ghalqet halqha. Kienet tafu dana kollu imma kienet imsallba u ma setghatx thalli t-tfal l-art. Cemplitlu wara nofsinhar biex jaghmel xoghol iehor fid-disgha ta' fil-

ghaxilja u x'hin qallha "le" qalet dana wara li shabu ilhom hmistax, tlett gimghat jaghmlu ix-xoghol tieghu. Regghet dawret ix-xoghol sal-weekend u dak ll-hin qaltlu "daqshekk, gbajt, itlaq".

Meta kienet cemplitlu, l-appellant qallha, *"jien miniex ser nigbor nies iktar minghajr courier";* ix-xhud qalet illi d-drivers l-ohra meta gieli kellhom xoghol bil-courier kien ta' kumpanija ohra jibghatuhom jorqdu u jghidulhom, *"tuni l-mobile number jekk jilnqala' xi haga ncempillek".* F'dik is-sitwazzjoni qalet li ma baqetx tara, cemplitlu u dak il-hin tghatu n-notice. It-Tnejn filghaxija irrifjuta li jghatiha l-coach u qallha, *"ara ma tersaqx l'hawn, l-ewwel tini dak li ghandi niehu minn ghandhekk imbaghad tiehu l-coach".* Ghamlet rapport l-Ghassa u quddiem is-Surgenta qallha, *"ara ma tibghatliex lil xi hadd l'hawn fuq ghal dak it-truck."*

Ix-xhud qalet illi hi jiddispjaciha wkoll li ghamlet dan kollu ghax lil CharlesTonna dejjem ghazlitlu x-xoghol. Kien ilu jahdem maghhom minn meta kien zghir u dejjem tghatu l-ahjar xoghol. Kien gara illi wara kien kellimha u quddiemu kienet cemplet il-Labour Office u tal-Labour Office kien qallha, *"Sinjura offritlu l-job"* Hi offrietlu x-xoghol dak il-hin bil-persuna tal-Labour Office fuq it-telephone. Tal-Labour Office qallha li suppost trid thallsu jew jahdem in-notice u qaltlu li tippreferi li thallsu tan-notice.

Xhud Magda Axiak, impjegata mas-socjeta appellata bhala accounts clerk, qalet illi taf li kien inqala xi dizgwid fuq xi xoghol bejn l-appellant u d-Direttrici tal-kumpanija. Dwar it-termination form ta' l-ETC imlewa t-tnejn flimkien u qablu bejniethom, kien fl-14 ta' Ottubru 2003 fejn iddikjara li ma ghandu ebda pretensjoni kontra Sultana Brothers, dan sar fil-prezenza taghha.

Fuq mistoqsija tal-legali ta' l-appellant ix-xhud qalet illi d-disgwid li semmiet kien biss dwar dak li semghat minn naha wahda ghax id-diskors kien fuq it-telefon; hdejha kien hemm is-Sinjura Marvic Sultana.

Xhud Joseph Tonna, jahdem mas-socjeta Sultana Brothers Transport Ltd., ilu sitta u ghoxrin sena, jigi hu l-appellant. Mistoqsi mill-legali tas-socjeta dwar gurnata partikulari fix-xahar ta’ Settembru 2003 meta kien hemm xi disgwid bejn l-appellant u s-socjeta appellata, qal illi dakinhar cemplitlu dik li kienet tiehu hsieb it-trasport inkarigata mill-garage u qaltlu biex jitla ghat-truck li kien isuq l-appellant. Tela’ ghalieh sab ic-cwievet, startja u telaq.

Xhud Camel Cauchi, jahdem mas-socjeta appellata, ilu jahdem erba snin. Qal li huma minn dejjem kienu jgorru t-turisti wahidhom u qatt ma waqfuhom. Kemm ilu jahdem qatt ma kellhom couriers maghhom. Qal ukoll illi qatt ma sema’ lil appellant jilmenta dwar il-couriers.

Xhud Anthony Vella, jahdem mas-socjeta appellata, ilu jahdem seba’ snin. Qal li hu delettant tal-bahar u f’Settembru gieli ha xi leave biex imur ghall-hut. Qal ukoll li meta jkollu t-turisti jkollu lista jigbor in-nies u jghabbihom. Dwar il-couriers qal illi bla courier ghalieh ahjar ghax tispicca qabel.

Xhud Joseph Xuereb jahdem mas-socjeta appellata ilu tliet snin mas-socjeta, qal li kien minibus driver u issa qaleb coach driver fl-ahhar sena. Ix-xoghol tieghu hu li jmur fir-reception tal-lukanda, jkollu lista ta’ l-ismijiet jigbor in-nies, jghabbi l-luggage u jitlaq. Qal illi qatt ma gie mwaqqaf meta ghamel dan ix-xoghol u l-anqas jaf jekk xi drivers ohra gewx imwaqfa. Kull meta ghabba ma’ Sultana dejjem bla courier ghabba.

**Sottomissjonijiet**

Is-socjeta appellata qalet illi ghandu jigi relevat primarjament illi s-socjeta appellata ma tezistix izda s-socjeta li maghha ghandha x’taqsam Maria Victoria Sultana hija Sultana Brothers (Transport) Limited. Illi ghalhekk dana jirrizulta kemm mit-termination of employment form kif ukoll mid-dokumentazzjoni ohra relattiva.

Illi ghalhekk kull decizjoni li tista tinghata minn dan it-Tribunal ma tista qatt tigi esegwita.
Illi skond dikjarazzjoni iffirmata minnu stess huwa ddikjara li ma kellu ebda "*claims and/or pretentions"* ta' kwalunkwe xorta kontra s-socjeta appellata.

Illi fit-termination of employment form gie ndikat li l-impieg qieghed jigi terminat minhabba disgwid bejn il-partijiet u ghaldaqstant ghazlu li jitterminaw l-impieg fl-interess ta' kulhadd, Ma hemmx indikat li l-appellant tkecca.

Illi ghalkemm fis-sahna tal-mument, kif del resto jigri ta' sikwit, seta ntqal xi diskors minn Marvic Sultana li seta gie interpretat li jikkostitwixxi tkeccija, hija xorta ghal diversi drabi nfurmat lill-appellant li jista' jirritorna fl-impieg tieghu mas-socjeta appellata. Kien l-istess appellant bl-atteggjament tieghu li rrifjuta li jibqa' fl-impieg mas-socjeta appellata.

Illi jekk huwa ried li bl-azzjoni odjerna jigi reintegrat fl-impieg tieghu, kif huwa rispekjat fit-talba minnu mressqa, ghaliex ma accettax l-offerta ta' l-appellata *a tempo vergine* li jirritijeni l-impieg tieghu mas-socjeta appellata, sinjal li kellu xi ntenzjoni ulterjuri. Sinjal li l-attegjament tieghu fil-granet qabel it-tkeccija tieghu kienu intizi sabiex jurta lill-Marvic Sultana u jwassalha tiehu d-decizjoni li hadet.

L-appellant jghid illi t-tkeccija tieghu mis-socjeta appellata saret b'rabja fuq sahna ta' mument ghax irrifjuta li jahdem ghal sieghat ohra wara lil kien ghadu kemm hadem ghal sittax il-siegha u cioe' irrifjuta li jerga jahdem mis-7pm sas-7am wara li kien ilu jahdem mill-4 am dakinhar.

Illi issostni li hu iffirma d-dokument ta' l-14 ta' Ottubru 2003 ghal flus biss li kienet taghtu, tant li fix-xhieda tieghu qal hekk, *"iffirmali hawnhekk li m'ghandiex iktar x'naqsam mieghek bhala flus, il-flus tieghek tajthomlok, tal-leave u tal-paga li kien fadallek."*

Illi s-socjeta appellata pprezentat id-dokument tat-terminazzjoni ta' l-impieg lill-appellant bil-kliem,*"refused to work on duty."* l-appellant qal lil Marvic Sultana li ma hux se jifferma ghax hu ma rrifjutax li jahdem mal-gurnata tax-xoghol, irrifjuta li jahdem wara sittax il-siegha li kien ilu xoghol. Ghalhekk il-formola esebita fil-process ma kinitx dik li originarjament is-socjeta appellata tat lill-appellant. Il-formola pprezentata hija bil-kliem "*Dizgwid bejn il-partijiet."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi kien hemm tkeccija ngusta fuq rabja ta' mument u li mhux ghax kien hemm xi dizgwid bejn il-partijiet kif qed tipprova ssostni s-socjeta appellata.

Illi kif hareg mill-provi l-Hadd filghaxija l-appellant ircieva messagg fejn Maria Victoria Sultana assenjatlu x-xoghol ghat-Tnejn. Hu fil-fatt ghamel ix-xoghol it-Tnejn meta kien ix-xoghol tan-notice fejn qalilha biex tibghatlu courier mieghu. Hi qaltlu li ma kienx hemm problema, izda wara ghaxar minuti regghet ordnatlu biex jitlaq minnufieh. Ghal din ir-raguni huwa ma kompliex jahdem in-notice period.

**Sottomissjonijiet addizzjonali**

L-appellant jghid illi fin-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta appellata ghogobha tqajjem f'dan l-istadju wara li inghalqu l-provi kollha li s-socjeta appellata ma tezistiex stante li l-isem kellu ikun Sultana Brothers (Transport) Limited u mhux Sultana Brothers Limited u ghalhekk hi qed issostni illi kull decizjoni li ser tinghata minn dan l-Onorabbli Tribunal ma tista' qatt tigi ezegwita.

Illi l-appellant jirrileva illi matul ix-xhieda kollha u cioe' dik tad-direttrici Maria Victoria Sultana u dik ta' l-impjegati kollha li gew prodotti bhala xhieda mill-istess socjeta xehdu fuq is-socjeta stess u m'hemm l-ebda dubbju li s-socjeta hija dik tad-Direttrici u cioe' Sultana Brothers Limited.

Illi din l-eccezzjoni kellha se mai tigi eccepita fir-risposta tas-socjeta *appellata a tempo vergine* u mhux meta l-kawza qedgha ghas-sentenza.

Illi dan il-punt li tqajjem issa huwa biss metodu ingannevoli ghal kollox sabiex is-socjeta appellata tipprova tahrab mir-risponsabbiltajiet ta' l-azzjoni taghha u cioe' tat-tkeccija ngusta ta' l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet.**

It-Tribunal ra illi

Ghandu jitratta l-punt imressaq mis-socjeta fis-sottomissjonijiet taghha fejn tghid illi primarjament ghandu jigi rilevat illi s-socjeta appellata ma tezistiex. Is-socjeta li maghha ghandha xtaqsam Maria Victoria Sultana hija Sultana Brothers (Transport) Limited. Dana l-fatt jirrizulta ampjament kemm mit-termination of employment form u kif ukoll mid-dokumentazzjoni l-ohra relattiva.

Dan il-kaz beda jinstema quddiem it-Tribunal fid-29 ta' Jannar 2004 u zamm l-ahhar seduta tieghu fis-27 ta' Frar 2006. Inzammu hdax-il (11) seduta u kien hemm seba' talbiet ghal differiment matul dan il-perjodu.

Is-socjeta appellata ndirizzat l-Istqarrija tal-Kaz taghha bl-isem tas-socjeta Sultana Brothers Ltd. fit-22 ta' Jannar 2004, ukoll indirizzat in-Noti ta' Sottomissjonijiet bl-isem Sultana Brothers Limited. Hemm zewg dokumenti pprezentati fil-process bhala Dok. 'A', ittra ta' l-appellant dwar li rcieva l-flus dovuti u illi m'ghandux claims u pretenzjonijiet ohra mal-kumpanija bid-data ta' 14 ta' Ottubru 2003 u Dok. 'B', formula ta' l-ETC tat-13 ta' Ottubru 2003 bl-isem tas-socjeta appellata Sultana Bros Trans Ltd.

Ghandu jinghad illi t-Tribunal zamm l-ahhar seduta fis-27 ta' Frar 2006. Il-partijiet talbu illi s-sottomissjonijiet finali jsiru bil-miktub, inghataw zmien biex jirrispondu u

jekk tinhass il-htiega jsiru s-sottomissjonijiet addizzjonali kif fil-fatt sar minn-naha ta' l-appellant.

Hija straordinarja kif is-socjeta appellata zammet dan il-punt ghal wara li s-seduti kienu nghalqu. Mistoqsija issir ghaliex is-socjeta appellata ma qajmitx dan il-kaz primarjament fil-prezentazzjont taghha meta ghamlet l-Istqarrija tal-Kaz jew ta' l-inqas fl-ewwel seduta li nzammet fid-29 ta' Jannar 2004.

Ikkonsidra d-dokumenti pprezentati kif ukoll ix-xhieda prodotta dwar l-isem tas-socjeta appellata jhoss illi dan il-kaz ghandu regolarment jigi deciz kif mehtieg.

L-appellant kien impjegat mas-socjeta Sultana Brothers Limited bhala xufier tal-coaches ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs oltre li kien ghamel perjodu addizzjonali ta' erba' snin precedentement ma' l-istess socjeta. Matul l-ahhar zmien li ghamel mas-socjeta appellata ma jirrizultax illi l-kondotta tax-xoghol tieghu kienet hazina tant illi d-Direttrici Maria Victoria Sultana tghid fix-xhieda taghha illi hija kienet dejjem ghazlitlu x-xoghol.

Il-kaz li dwaru inqalat it-tilwima kien il-Gimgha l-10 ta' Ottubru 2003 meta s-socjeta appellata assenjatlu xoghol li beda fl-04.00 ta' filghodu u li fl-04.30 ta' filghodu ried ikun fl-airport. Ghal xi t-03.00 ta' wara nofsinhar waqt li kien il-Mosta cemplitlu Marvic Sultana biex tinfurmah illi ghandu xoghol iehor mis-07.00 ta' filghaxija sas-07.00 tal-ghada filghodu *shuttle service* fuq il-frejgata. L-appellant qal lil Marvic Sultanta li ma jistghax ikun li jaghmel dak il-hin kollu meta kien beda fl-04.00 ta' fil-ghodu, offra li jaghmel minn 4 sa 5 sieghat ohra ma' dak li kien ghamel ghax hass li ma kienx jiflah ghal dak it-tul ta' hin kontinwu. Marvic Sultana regghet cemplitlu biex tara jekk jistghax almenu mis-07.00 ta' filghaxija sat-03.00 ta' filghodu minflok sas-07.00 ta' filghodu, l-appellant rega qalilha illi aktar minn 4 jew 5 sieghat ma setghax jahdem.

Is-Sibt u l-Hadd ma hadimx, it-Tnejn 13 ta' Ottubru 2003 hadem normali peress li kien ircieva messag ghax-xoghol il-Hadd. Ghal xi l-hamsa u kwart ta' wara nofsinhar waqt li kien id-dar ircieva telefonata ghax-xoghol ta' l-ghada t-Tlieta dak il-hin qal lil Marvic Sultana, *"hu hsieb ibghatli courier mieghi biex jigbru l-klijienti ghax jien minix ser noqghod nerfa r-responsabilta li nigbor il-klijenti wahdi ghax jien mieghek qieghed xufier."*

Dwar il-kaz tal-10 ta' Ottubru 2003 il-hinijiet li kellu assenjati biex jahdem mill-04.00 ta' fil-ghodu sal-05.00 ta' wara nofsinhar. Huwa kkunsiderat li dan diga huwa hin twil b'mod partikulari ghal xufier ta' coach. Li jigi oltre ordnat li jkompli jahdem mis-07.00 ta' fil-ghaxija ta' l-istess gurnata sas-07.00 tal-ghada fil-ghodu huwa umanament impossibbli salv il-periklu mhux biss ghalieh personali izda wkoll ghall passiggieri li jkunu fil-coach u sintendi ghal terzi.

L-appellant jargumenta illi Marvic Sultana keccietu waqt li hija tghid illi kien hemm disgwid bejniethom. Magda Axiak, *accounts clerk,* xehedet illi taf li kien inqala disgwid fuq ix-xoghol bejn l-appellant u d-Direttrici Marvic Sultana tant illi fil-prezenza taghha *t-termination form* ta' l-ETC imlewa t-tnejn flimkien u qablu bejniethom. Kien fl-14 ta' Ottubru 2003 fejn l-appellant iddikjara li ma ghandu ebda pretensjoni kontra Sultana Brothers.

Ghal-kaz li ressaq l-appellant dwar il-courier jara illi ma giex ippruvat dak li qal li gie imwissi minn persuna ta' l-Awtorita tat-Trasport meta ma gietx imtella' tixhed dik il-persuna kkoncernata. Il-kollegi tieghu kollha qalu fix-xhieda li qatt ma semghuh jghid bit-twissija u l-anqas huma qatt ma gew imwissijin.

Maria Victoria Sultana xehedet illi offrietlu l-impieg anki meta kienet qed titkellem ma' l-ufficjal tad-departiment tax-xoghol fuq it-telefon izda l-appellant ma hax l-opportunita li jerga jiehu x-xoghol.

L-appellant kieku ried tassew jahdem fic-cirkustanzi seta' ghazel l-ahjar triq li jerga jirritorna fl-impieg imma ghazel li jiehu l-flus tan-notice.

**Decizjoni**

Wara lit-Tribunal Industrjali ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotta, isib illi l-appellant ma gabx provi sufficjenti kif ukoll naqas meta kien fuq in-notice milli jacccetta l-offerta tas-socjeta appellata biex jerga jiehu l-impieg.

Jara illi l-azzjoni li hadet is-socjeta appellata li tittermina l-impieg hija gusta.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 46 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

____________________

**Alphonse Caruana**
**Chairman**